**Nru. 220**

## L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

### Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: PA 04400/10
Post: Sit f'Ta' l-Ibraġ, off Triq l-Ibraġ, Ħal Għargħur
Proposta: Sanzjonar ta' bini eżistenti u żidiet u alterazzjonijiet biex jiffurmaw żona għall-*open storage*.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-18 ta' Novembru 2011 u aġġornat fit-30 ta' April 2012 u fl-24 ta' Ottubru u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fil-21 ta' Frar 2013.

**No. 220**

## MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

### Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 04400/10
Location: Site at Ta' l-Ibraġ, off Triq l-Ibraġ, Ħal Għargħur
Proposal: To sanction existing building and additions and alterations to form an area for open storage.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 18th November 2011 and updated on 30th April 2012 and 24th October 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 21st February 2013.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impacts*** | **Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ġenerazzjoni ta' skart | L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett kemm waqt il-bini kif ukoll waqt l-operat mhux se jkun sinifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. L-iskart mill-operat se jkun ġestit permezz ta' permess ambjentali. |
| *Waste generation* | *The amount of solid waste likely to be generated by the project during construction and operation is not likely to be significant considering the nature of the project. Operational waste will be managed through an environmental permit.* |
| Storbju, vibrazzjonijiet u kwalità tal-arja | Storbju, vibrazzjonijiet u trabijiet se jiġu ġġenerati matul it-tindif tas-sit, l-iskavar, u l-kostruzzjoni. Il-vetturi tal-kostruzzjoni mistennija li jiġġeneraw emissjonijiet tal-*Nitrogen Oxide (NOx)* u storbju. Madankollu, l-ebda impatt sinifikanti m'hu mistenni dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 tal-2007) jiġu osservati. Trabijiet, storbju, u vibrazzjonijiet waqt l-operat tal-proġett jista' jkollu impatti fuq id-djar residenzjali mferrxa |

| | |
|---|---|
| | fil-qrib u l-ambjent immedjat tal-madwar. Madankollu, is-sit huwa mdawwar minn attivitajiet simili, inklużi barrieri u attivitajiet industrijali, li huma karatteristika dominanti taż-żona. Impatti bħal dawn (inkluż skart perikoluż) jistgħu jiġu mmaniġġati adegwatement permezz ta' Permess Ambjentali. Miżuri ta' tnaqqis tat-trab għandhom jiġu adottati wkoll kif relevanti. |
| *Noise, vibration and air quality* | *Noise, vibration and fugitive dust will be generated from site clearance, excavation and construction. Construction vehicles will generate nitrogen Oxide (NOx) and noise emissions. Notwithstanding this, no significant impacts are envisaged as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. Dust, noise and vibration emissions of the operational phase of the project could have impacts on nearby scattered residential dwellings and the immediate surrounding environment. The site is, however, surrounded by similar activities, including quarrying and industrial activities, which are a dominant characteristic of the area. Impacts (including hazardous wastes) can be adequately managed through an Environmental Permit, whereas dust abatement measures should also be adopted, as relevant.* |
| Impatt permezz ta' dawl | Matul il-lejl, aktarx li dawl se jiġi ġġenerat. Madankollu, l-emissjonijiet tad-dawl jistgħu jitnaqqsu permezz tal-użu ta' lampi li jħarsu 'l isfel *(down-lighters),* jew billi jitnaqqas id-dawl użat. |
| *Light pollution* | *During night-time, lighting is envisaged. Nevertheless, light emissions may be reduced with the use of down-lighters, or by minimisation of lighting.* |
| Tniġġis tal-ilma tal-pjan u fil-wiċċ | Mhumiex mistennija impatti sinifikanti, madankollu, il-kostruzzjoni ta' żewġ ġibjuni taħt l-art u l-ġestjoni xierqa ta' materjali li jistgħu jniġġsu (eż. żjut) skont il-proċeduri statutorji għandhom ikunu biżżejjed biex jitnaqqsu l-effetti fuq fuq l-ilma tal-pjan u fil-wiċċ. Dan l-aspett se jkun infurzat permezz tal-mekkaniżmi tal-permessi għall-iżvilupp u għall-operat. |
| *Groundwater Pollution and Surface Runoff* | *No significant impacts are envisaged, however, the construction of two underground reservoirs and the proper management of potential pollutants (e.g. oils) in accordance with statutory procedures is expected to be sufficient to minimise any effects on groundwater and surface runoff. This aspect will be enforced through the development permitting and operational permitting mechanisms.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Il-15 ta' Marzu, 2013

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

15th March, 2013

**Nru. 221**

**AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

**Notifika**

L-UFFIĊĊJU għall-Kompetizzjoni fi ħdan l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur, fis-26 ta' Frar 2013, ddikjara l-operazzjoni proposta ta' l-akkwist ta' kontroll uniku minn Mohawk Industries Inc, permezz tas-sussidjarja tagħha, Mohawk International Holdings (DE) Corporation, ta' Fintiles SPA minn Finceramica SPA u LuxELIT Sarl, bħala konċentrazzjoni legali skont ir-regolamenti 6 (1) (ii) tar-Regolamenti tal-Kontroll ta' Konċentrazzjoni, 2002.

Kopja mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni tista' tinkiseb minn fuq: (http://www.mccaa.org.mt/en/mergerdecisions)

It-13 ta' Marzu, 2013

**No. 221**

**MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY**

**Notification**

THE Office for Competition within The Malta Competition and Consumer Affairs Authority, on 26 February 2013, declared the proposed transaction of the acquisition of sole control by Mohawk Industries Inc., through its subsidiary, Mohawk International Holdings (DE) Corporation, of Fintiles S.P.A. from Finceramica S.P.A. and LuxELIT S.a.r.l., to be a lawful concentration in accordance with regulations 6 (1) (ii) of the Control of Concentrations Regulations, 2002.

A non-confidential copy of the Office's decision may be obtained at: (http://www.mccaa.org.mt/en/mergerdecisions).

13th March, 2013